MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 580/2012

***La Suissa S.R.L.***

**vs**

***Firm Camilleri Bros (Marketing) Company Limited***
**(C – 40670)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 ta’ Gunju, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti bieghet u kkonsenjat lis-socjeta` intimata konsenja merkanzija ghall-prezz ta’ tlettax –il elf, tlett mija u tmienja u hamsin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu, (€13,358.24), skont il-fattura datata iz-19 ta’ Novembru, 2009, (ara fol 29);

1.2. Illi nonostante li s-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi, anke permezz ta’ ittra ufficcjali, biex thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont minnha dovut, din baqghet inadempjenti;

1.3. Illi *di piu*`, jirrizulta li f’diversi okkazjonijiet separati l-istess socjeta` intimata ghamlet diversi weghdiet ripetuti li kienet ser thallas l-ammont minnha dovut lis-socjeta` rikorrenti, izda ovvjament inutilment;

1.4. Illi in vista tal-premess is-socjeta` rikorrenti qed titlob li s-socjeta` intimata tigi:

1.4.1. Ikkundannata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma fuq indikata, (ara paragrafu numru wiehed punt wiwhed, (1.1)), prezz ta’ merkanzija kif elenkata fil-fattura fuq riferita, u dan, bl-imghaxijiet miz-19 ta’ Novembru, 2009, sad-data tal-effettiv pagament;

1.4.2. Bl-ispejjez, kif elenkati fl-istess rikors guramentat promotur fuq indikat;

2. Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors guramentat promotur;

3. Rat in-nota tad-direttur tas-socjeta` intimata datata d-9 ta’ Lulju, 2013, li permezz taghha irribadixxa li kien qieghed jammetti t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti;

4. Illi in vista tal-ammissjoni riferita fil-paragrafu precedenti din il-qorti m’ghandhiex alternattiva ohra hlief li takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

4.1. Tiddikjara lis-socjeta intimata, *Firm Camilleri Bros (Marketing) Company Limited*, (C – 40670), bhala debitrici tas-socjeta` rikorrenti *La Suissa S.R.L.* fl-ammont ta’ tlettax –il elf, tlett mija u tmienja u hamsin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu, (€13,358.24), ghall-

merkanzija lilha mibjugha u ikkonsenjata, u dan, a bazi tal-fattura datata z-19 ta’ Novembru, 2009;

4.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata fuq riferita biex thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, (paragrafu erbgha punt wiehed, (4.1)), lill-istess socjeta` rikorrenti fuq ukoll indikata;

4.3. Bl-ispejjez, kif dedotti mill-istess socjeta` rikorenti fir-rikors guramentat promotur taghha u, bl-imghaxijiet skont il-ligi miz-19 ta’ Novembru, 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------